IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 36

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) nhar **it-Tlieta 1 ta' Ġunju 2021**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**N.B. Din il-laqgħa bdiet it-Tlieta 1 ta' Ġunju, preżenti kienu s-Sindku u l-Kunsilliera Trevor Mizzi u Anton Gellel, iżda waqfet fis-6:15pm peress li wieħed mill-kunsilliera kellu jkun indispost u għalhekk il-laqgħa tkompliet l-Erbgħa 9 ta' Ġunju li għaliha kulħadd kien preżenti.**

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

**N.B.** Il-Viċi-Sindku Christopher Cassar ma kienx preżenti fil-bidu tal-laqgħa.

**36.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

36.1.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lis-Sindku li s-Sur Jason Portelli kellu jittardja ftit għal-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol.

**36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

36.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 35 għall-approvazzjoni.

36.2.2 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar il-biċċa poġġaman biswit is-St.Angelo Mansions fuq in-naħa tat-Toqba. Is-Sindku qal li min ressaq l-ilment mhux wieħed mir-residenti iżda persuna li tgħaddi tippassiġġa ta' spiss. Għalhekk is-Sindku qal li jekk dan ma jsirx, il-kunsill jidħol għar-responsabbiltà u jagħmlu għas-sigurtà u s-saħħa tan-nies li jgħaddu minn hemm. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

36.2.3 Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

**36.3 Korrispondenza**

36.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph L. Cassar, Segretarju tal-Vittoriosa Stars F.C.. F'din l-ittra, l-kumitat qed jagħmel talba lill-kunsill sabiex jinstalla *Padel Court* wara l-grawnd tal-footbal tal-Fortini dan iservi bħala sors ta' dħul finanzjarju għall-klabb. Is-Sindku propona li apparti l-approvazzjoni, isir ftehim bil-miktub, maqbul bejn iż-żewġ partijiet. Il-kunsilliera preżenti approvaw din it-talba unanimament.

36.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Andrew Haig għan-nom ta' Transport Malta liema korrispondenza kellha magħha mehmuża l-ittra tal-approvazzjoni sabiex Triq l-10 ta' Awwissu 258 tingħalaq bil-bollards u tkun pedonali biss wara talba li għamel l-istess kunsill.

36.3.3 Preżentata korrispondenza mibugħta mis-Sur Michael Cohen għan-nom ta' Transport Malta fejn informa lill-kunsill li l-proċess għall-iskema tal-parkeġġ riservat għar-residenti jinsab wieqaf. Din il-korrispondenza intbagħtet b'relazzjoni għall-problema tal-parkeġġ matul il-ġurnata fiż-żona Tal-Ħawli minħabba l-fatt li numru ta' għalliema u ħaddiema tal-kulleġġi li jinsabu qrib, qed jipparkjaw f'din iż-żona għad-detriment tar-residenti li joqgħdu fiż-żona.

36.3.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Lorenzo Zahra għan-nom tas-Soċjetà Storiku Kulturali Vittoriosa, fejn fl-ittra din is-soċjetà qed tipproponi sabiex il-bini tat-Torri tal-Arloġġ ma jsirx f'nofs il-Pjazza tal-Birgu fejn kien oriġinarjament iżda jsir minflok il-binja magħrufha bħala l-Azzjoni Kattolika tal-Irġiel. B'hekk, il-binja u l-faċċata falza u kerha tal-binja mingħajr ebda valur storiku, titneħħa u minflokha jinbena l-Arloġġ li jkun ta' attrazzjoni kompluta maż-żona ta' fejn il-Knisja li tant tiġbed nies. Wara diskussjoni dwar dan is-suġġett, ebda deċiżjoni me ġiet meħuda.

**N.B.** 6:15pm Il-Viċi-Sindku Christopher Cassar daħal għal-laqgħa.

36.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Ministru Roderick Galdes dwar is-sitwazzjoni tal-manutenzzjoni tal-bjut fil-blokok tal-Gvern fiż-żona Tal-Ħawli. Is-Sindku qal li permezz tan-notifika li twaħħlet mal-bibien tal-blokok fejn se jsiru x-xogħlijiet, sar bil-kontra ta' kif ġie mitkellem u maqbul waqt il-laqgħa li s-Sindku u l-Viċi-Sindku kellhom mal-Ministru. Il-Viċi-Sindku qal li minn meta saret il-laqgħa mal-Ministru sal-lum, ebda korrispondenza ma waslet il-kunsill dwar propjeta tal-Gvern li ġiet vakanti fil-Birgu hekk kif iż-żewġ partijiet qablu li għandha tingħata preferenza lil nies mill-Birgu.

36.3.6 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Ramon Deguara Direttur tal-Cleansing and Maintenance fejn is-Sindku rrringrazzjah tal-inizjattiva sabiex waħda mill-ħames magni tat-tindif li se jinxtraw mill-Cleansing stess, se tkun qed tintuża sabiex jitnaddaf regolarment il-Waterfront mit-tarf ta' Sant' Anġlu sa Bormla. Is-Sindku qal li din il-magna se tkun qed tintrefa l-kunsill. Il-Cleansing għaddiet ukoll lill-kunsill diversi bins tas-sigaretti għall-użu tal-kunsill filwaqt li se jkunu qed jitwaħħlu bins modernizzati tul il-Waterfront ukoll. Il-bins preżenti se jitneħħew u jingħataw il-kunsill biex iwaħħalhom fejn jixtieq. Is-Sindku qal li kellu laqgħa tajba ħafna mas-Sur Deguara u mas-Sur Gordon Vassallo, direttur tal-Vittoriosa Marina fejn spjegaw diversi xogħlijiet li se jsiru fosthom tranġar ta' bankijiet, bankini u tħawwil ta' siġar fil-planters tul il-waterfront stess. Għal dan il-għan, se jiġi ffirmat memorandum of understanding bejn il-Cleansing Department u l-kunsill.

36.3.7 Preżentata notifika mibgħuta mil-Awtoritá tal-Ippjanar sabiex tinforma lill-kunsill li l-applikazzjoni għax-xogħol li se jsir f'dar tal-Gvern fi Triq il-Kan. Luigi Fenech, ġiet approvata. Din hija l-istess dar li fiha se tkun qed tilqa' residenti ħabsin li jkunu waslu fi tmiem is-sentenza tagħhom, liema dar se tkun qed titmexxa mill-Fondazzjoni mid-Dlam għad-Dawl. F'dan l-istadju, l-kunsill ma seta' jagħmel ebda aktar oġġezzjonijiet għal dan il-proġett.

36.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mit-taqsima Support fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jinfurmaw lill-kunsill li nħarġet is-sejħa għall-espressjoni ta' interess għall-proġett WIFI4EU. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament li l-kunsill ikun parti mis-sejħa li se joħroġ direttament id-Dipartiment.

36.3.9 Preżentat il-kuntratt għall-proġett tal-Unjoni Ewropea, **MEDIA4ALL** li qed jitmexxa mis-Sur Mark Causon, liema proġett kienet saret l-applikazzjoni għalih xhur qabel. Mal-kuntratt waslet il-konferma wkoll li dan il-proġett ġie approvat u flimkien mal-Birgu hemm erba' pajjiżi oħra nvoluti bħala partners filwaqt li aġenzija Franċiża hija l-koordinatur tal-proġett. Is-Sindku qal li waħda mil-laqgħat tal-proġett se ssir f'Malta, il-Birgu, peress li l-Kunsill huwa wieħed mill-partners.

36.3.10 Preżentati korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Dorianne Diacono mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar skema maħruġa mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, L-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali sabiex il-kunsill jingaġġa persuna li jservi ta' Uffiċjal tal-Komunità għat-Trattament Xieraq tal-Annimali għal perjodu ta' tmintax-il xahar. Is-Sindku iddelga din ir-responsabbiltà lill-Kunsillier Trevor Mizzi li għandu d-dekasteru tal-Ħarsien tal-Annimali.

36.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-applikazzjoni għal żgħażagħ interessati li jieħdu sehem fil-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ organizzat mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ.

36.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tan-Naħħala Malta dwar ftehim biex f'żoni rurali, jitħalla ħaxix żelvaġġ sal-aħħar ta' Mejju peress li jservi bħala sors ta' pollen u nectar għal diversi dakkara fosthom in-naħla tal-għasel.

36.3.14 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sur Christian De'Bono' dwar l-attività li kellha ssir fil-Pjazza tal-Birgu nhar is-6 ta' Ġunju 2021 dwar il-militar. Is-Sindku qal li din kellha titħassar minħabba r-restrizzjonijiet li għadhom fis-seħħ minħabba l-pandemija.

36.3.15 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Ministru tal-Edukazzjoni l-Onor. Justyne Caruana sabiex taħtar b'mod uffiċjali lis-Sindku bħala l-President tal-Kunsill Skolastiku tal-Kulleġġ Sta Margerita Skola Primarja tal-Birgu. Intant f'korrispondenza relatata, is-Sindku kellu laqgħa mal-kap tal-iskola dwar dan is-suġġett liema laqgħa saret l-Erbgħa 2 ta' Ġunju 2021, online.

36.3.16 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Janice Azzopardi għan-nom tal-ERA dwar allokazzjoni ta' spazju fil-lokalità għall-provdiment ta' *Recycling Points*.

36.3.17 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Rita Micallef għan-nom ta' *Optimist Club of Malta,* fejn mal-korrispondenza bagħtet *il-memorandum of understanding* biex jiġi ffirmat bejn din l-għaqda u l-kunsill, rigward għajnuna mingħajr ħlas li din l-għaqda se tkun qed toffri lil tfal mill-Birgu bejn it-8 u l-10 snin sabiex ikunu jistgħu jagħmlu l-*homework* u xi xogħol ieħor akkademiku. Din l-għajnuna ser tkun qed tingħata fil-Berġa tal-Ingilterra.

36.3.18 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Wayne Caruana, il-persuna responsabbli mit-tenders tal-kunsill, fejn qed jinforma lill-kunsill li t-tender għall-pannelli fuq il-Berġa ta' Franza u l-Ingilterra ħarġet u tagħlaq fl-14 ta' Ġunju 2021.

36.3.19 Preżentata korrispondenza mibgħuta mir-Reġjun Xlokk bil-minuti tal-Laqgħa tar-Reġjun li saret f'Marzu li għaliha l-Viċi-Sindku kien assenti. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Viċi-Sindku sabiex meta ma jkunx jista' jattendi, jinfurmah sabiex imur minfloku. Is-Sindku rrimarka li f'din il-laqgħa tar-Reġjun kien hemm diskussjoni importanti dwar l-applikazzjoni għall-Belt Kapitali tal-Kultura 2031.

36.3.20 Preżentata għal darb'oħra l-preżentazzjoni *Slow Streets* applikabbli għal-lokalità tal-Birgu. Is-Sindku qal li hemm diversi affarijiet li fiha jridu jiġu rranġati. Għaldaqstant is-Sindku qal li talab li terġa' ssir diskussjoni ma' min qed jieħu ħsieb dan il-proġett sabiex isiru xi emendi fuq il-pjanijiet li hemm imħejjija għall-Birgu speċjalment fuq iż-żona ta' Fuq tal-Ħawli.

36.3.21 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mauro Pace Parascandolo, CEO tal-*Malta Council for the Voluntary Sector* fejn talab lill-

Kunsill Lokali jekk jaċċettax li l-Birgu jkun qed jirrappreżenta lill-Malta fl-applikazzjoni għall-***European Volunteer Capital 2023***. Jekk Malta tkun magħżula, il-kapitali li tirrappreżenta l-pajjiż tkun il-Birgu li flimkien mal-kottonera, jħejju programm ta' attivitajiet organizzati u mmirati għall-volontiera. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu unanimament.

36.3.22 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku b'risposta għall-korrispondenza li bgħat is-Sur Joseph Bugeja CEO u Chariman ta' Transport Malta rigward il-pontuni f'Sally Port (it-Toqba). Is-Sindku qal li flimkien mal-Aġent Segretarju u l-kunsillier Trevor Mizzi ltaqgħu mas-Sur Bugeja u aċċerthom li f'Sally Port se ssir biss organizazzjoni tal-ħafna bagi li hemm u mhux se jsiru pontuni. Is-Sindku talab lill-kunsillier Trevor Mizzi biex jikkomunika ma' Transport Malta sabiex iż-żona għall-għawwiema fit-toqba, tikber xi ftit peress li ż-żona qed tkun aktar frekwentata min-nies.

36.3.23 Preżentati numru ta' stimi għal xogħol ta' monitoraġġ arkeoloġiku minn diversi persuni esperti f'dan il-qasam sabiex ikun jista' jsir xogħol ta' tħaffir fi Triq il-Pjazzetta u Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa hekk kif kien mitlub mis-Sovratindenza tal-Patrimonju Kulturali. Il-kunsilliera qablu li mmorru għall-irħas offerta.

36.3.24 Preżentata l-applikazzjoni BM150 *Embellisment of Urban Squares* għat-tisbiħ tal-belvedere tas-Simenta. Il-Kunsill applika għal fondi sabiex hekk kif jistlesta x-xogħol li qed isir fuq l-art tas-Simenta, ikunu jistgħu jiġu nstallati bins, bankijiet, planters u sistema tad-dawl ġdida. Il-kunsilliera preżenti approvaw l-applikazzjoni unanimament.

36.3.25 Preżentata l-applikazzjoni għall-proġett *Templars of Europe – Learning Routes* taħt *action KA220-ADU - Cooperation partnerships in adult education* tal-Unjoni Ewropea. Dan il-proġett qed jieħu ħsiebu s-Sur Mitja Bukovec u fih se jkunu nvoluti ħames pajjiżi, inkluż Malta rappreżentata mill-Kunsill Lokali tal-Birgu. Il-kunsilliera qablu unanimament mas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

**36.4 Tagħrif dwar il-Proġett tal-Pjazza**

36.4.1 Preżentata korrispondenza minn Dr Antoine Zammit, li qed jieħu ħsieb il-pjanti għar-riġenerazzjoni tal-Pjazza tal-Birgu. Dr.Zammit bgħat pjanti aġġornati li fihom ġew ikkunsidrati t-talbiet li għamlu l-Kumitati taż-żewġ festi u l-Każin tal-Banda ta' San Lawrenz minħabba l-armar tal-festi u l-planċier rispettivament. Dan sar wara li saret laqgħa ta' diskussjoni u preżentazzjoni tal-proġett li saret bejn Dr.Zammit, il-kunsill u rappreżentanti tal-festi u l-każini taż-żewġ festi fejn

raw il-proġett kif ġej u ddiskutew flimkien fejn jista' jsir titjib biex l-impatt fuq l-armar ikun wieħed minimu għall-aħħar. Is-Sindku talab li din il-korrispondenz tgħaddi lis-Soċjetà Mużikali San Lawrenz sabiex jarawha minħabba l-pożizzjoni tal-planċier.

36.4.2 Il-Kunsillier Trevor Mizzi kellu jieħu ħsieb li jikkomunika ma' Dr Antoine Zammit sabiex tinħoloq preżentazzjoni 3-D sabiex fil-laqgħa pubblika għar-residenti u persuni mil-Birgu, ikun hemm viżjoni ċara ta' kif se jkun il-proġett tal-Pjazza. Il-laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika kienet pjanata li ssir il-Ħamis 17 ta' Ġunju 2021 fis-6:00pm. L-Aġent Segretarju kellu jikkonferma ma' Fr.John Avellino sabiex jara hux possibli li jintuża l-Youth Centre.

36.4.3 Is-Sindku qal li fuq Facebook hemm grupp/moviment kontra s-siġar fil-Pjazza, liema siġar qed ikunu proposti mal-proġett ta' riġenerazzjoni. Is-Sindku qal li jixtieq ifittex u jsib min qed imexxi dan il-grupp filwaqt li qal li huwa kien diġà tkellem ma' Dr Zammit sabiex is-siġar li jiġu mħawwla, jkunu siġar mhux goffi u li jinżammu sa' ċertu għoli. Barra minn hekk is-Sindku qal li mill-pjanta oriġinali diġà tneħħew xi siġar biex il-faċċata tal-Każin tal-Banda ta' San Lawrenz u l-istatwa ta' San Lawrenz, ma jiġux imfixxkla.

36.4.4 Is-Sindku talab lill-kunsilliera biex għal darb'oħra jikkonfermaw jekk huma jaqblux mal-proġett tal-Pjazza kif qed jiġi propost. Il-kunsilliera kollha qablu unanimament.

**36.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

36.5.1 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li l-applikazzjoni għal-lift fil-Berġa tal-Ingilterra, taħt l-iskema tan-Norway Grants, ġiet sottomessa grazzi wkoll għall-għajnuna tas-SEM.

36.5.2 Is-Sindku qal li kellu laqgħa mas-CEO ta' Heritage Malta flimkien mal-kuratur tal-Mużew Marittimu dwar wirja fil-miftuħ f'April 2022, b'ritratti meħuda minn qiegħ il-baħar madwar il-Birgu. Is-Sindku qal li dawn kienu qed jaħsbu li din l-esebizzjoni ssir it-Toqba iżda s-Sindku ssuġġerixxa li din issir fil-Warterfront, liema suġġeriment ġie milqugħ.

36.5.3 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li t-Tlieta 15 ta' Ġunju se jkun qed jiltaqgħa mal-Perit Mark John Scicluna, ma' Andrew mill-kumpanija Silvar Construction, John Galea mill-kumpanija Amabile Galea Ltd u l-*foreman* tal-ħaddiema tal-Gvern sabiex issa la żżarma l-iscaffolding fil-bandli, dan il-proġett jitkompla mill-kunsill u jitlesta.

36.5.4 Il-Kunsillier Trevor Mizzi ġibed l-attenzjoni li wara l-carboot sale ta' nhar ta' Ħadd fil-grawnd tal-Fortini, qed jitħalla ħafna żibel, ankè tul Triq San Dwardu qrib il-grawnd, tant li qed jidħlu ħafna rapporti mal-Cleansing Department. Is-Sur Mizzi ġie infurmat li l-Ħadd 6 ta' Ġunju 2021 daħlu aktar minn ħamsa u għoxrin rapport.

**36.6 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 25** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 5987** sa **BOV 6001** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda preżentata.

**36.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sebgħa u nofs ta` filghaxija (7:30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir il-Ħamis 1 ta` Lulju 2021 fil-ħamsa ta` filgħaxija (5:00pm).

Konfermati llum: **1 ta' Lulju 2021.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Christian Lawrence Raggio Vella<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv |